# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' April, 2001**

**Numru 19**

**Appell numru 278/00**

**Charles Bonaci**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**<u>Id-decizjoni appellata</u>**

Dan hu appell mid-decizjoni ta' l-Arbitru nominat taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318) moghtija fil-15 ta' Gunju, 2000, fil-kaz fl-ismijiet fuq premessi.

> "Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn cahad it-talba tal-appellant ghall-Pensjoni tal-Irtir peress li d-Direttur ma hux sodisfatt li l-appellant ma jdahhalx aktar mill-paga minima nazzjonali fil-gimgha.

L-appellant spjega l-appell tieghu hekk :-

*"Jiena ghalaqt il-61 sena fit-13 ta' Lulju 1999. Fl-istess data gharraft lill-korporazzjoni tal-Impieg u Tahrig li jiena waqaft li nkun "gainfully occupied" b'sehh mill-11 ta' Lulju 1999. Il-korporazzjoni kkonfermat it-tmiem tal-impieg tieghi b'ittra li ggib id-data tat-22 ta' Lulju 1999. Dokument 'A' mehmuz.*

*Is-sehem tieghi fis-shubija Bonaci & Co. cedejtu fit-18 ta' Awissu 1999, kif huwa indikat fin-nota ta' cediment immarkat document 'B'.*

*Rigward in-negozju C & D u d-Dolcerija 'Croce Bonaci' ghandi nghid illi f'dawn l-attivitajiet jiena nimpjega lill-hames uliedi li maghhom ghamilt ftehim verbali li mit-13 ta' Lulju 1999 'l hemm dawn in-negozji ser ikunu mmexxija esklusivament minnhom u li barra l-paga ser jaqsmu l-qliegh bejniethom, wara li jhallsuni s-somma ta' Lm 2000 fis-sena, ikun x`ikun il-qliegh."*

Fis-seduta tat-23 ta' Frar 2000 is-Sur Attard ghad-Direttur iddikjara li d-dipartiment kien lest jikkonsidra favorevolment it-talba tal-appellant kemm-il darba jaghmel cessjoni permezz ta' Att Pubbliku.

B`nota ipprezentata fit-28 ta' Marzu 2000 l-appellant irrisponda hekk :-

*"Nixtieq umilment nistaqsi lill-Arbitru ghaliex id-dipartiment tas-Sigurta' Socjali lest li jikkonsidra favorevolment it-talba tieghi kemm-il darba c-cessjoni favur uliedi ssir permezz ta' Att Pubbliku, meta f'kazijiet simili dan ma jigix mitlub.*

*Peress li jien hawn taht iffirmat diga urejt li uliedi ilhom ghal zmien twil jahdmu u jmexxu il-kummerc tieghi, nahseb li din it-talba min-naha tad-dipartiment tas-Sigurta' Socjali hija diskriminatorja fil-konfront tieghi.*

*Ghalhekk qieghed inhossni umiljat nidher quddiem l-Arbitru meta bhala cittadin onest dejjem hallast fil-pront il-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali dovuta minni bhala self-employed. Nerga' ntenn li din hija diskriminazzjoni kontrija meta haddiehor fl-istess posizzjoni tieghi ha l-pensjoni minghajr ebda nkwiet."*

L-Artikolu 66 tal-Att jipprovdi illi :-

***"66. (1)** Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 96 ta' dan l-Att u bla hsara gahd-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att, persuna li:-*

*(2) ikollha l-eta' ta' sittin sena; u*

*(3) turi ghas-sodisfazzjon tad-Direttur li –*

*(i) tkun cittadin ta' Malta u normalment tirrisjedi f'Malta; u*

*(ii) il-mezzi taghha fil-gimgha, kalkolati skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ma tkunx izjed mill-oghola rata ta' Pensjoni ta' l-Eta' li, fil-kaz ta' ragel mizzewweg li martu tikkwolifika ukoll ghal pensjoni bi dritt, tkun daqs 80%, u fil-kaz ta' persuni romol jew persuni mhux mizzewga, daqs 60% tal-paga minima nazzjonali kif applikabbli ghal persuni ta' tmintax-il sena jew izjed kif stabbilita b'ordni ta' standard nazzjonali taht l-Att li Jirregola il-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg matul il-perijodu li ghalih dik il-persuna tkun dovuta u skond kif hemm specifikat fit-Taqsima II tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att skond il-kategorija taghha, tkun intitolata gahl Pensjoni ta' l-Eta' taht dan l-Att skond id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."*

L-appellant spjega illi hemm ftehim verbali bejnu u bejn uliedu li jhallsuh is-somma ta' Lm 2000 fis-sena, ikun xi jkun il-qliegh. Ma saret l-ebda kitba dwar il-ftehim. Id-Direttur ma hux qed jaccetta dan il-ftehim peress li ma hux wiehed formali u ghalhekk m'ghandu l-ebda mezz jikkontrolla l-ezistenza jew il-kontenut tieghu.

Peress li huwa l-oneru tal-appellant li jipprova li d-dhul tieghu huwa anqas minn dak imsemmi fil-precitat artikol, u peress li fil-fehma tal-Arbitru din il-prova ma saritx fil-grad rikjest mil-ligi, l-Arbiru jichad dan l-appell".

## <u>Osservazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Charles Bonaci appella minn din is-sentenza b'dan l-aggravju:-

1. Fl-ewwel lok biex isir ftehim fejn persuna tghaddi l-gestjoni tal-kummerc lil uliedha ma kienx jinhtieg dokument bil-miktub. Kien bizzejjed li dan il-ftehim ikun verbali;

2. Fil-verita' hu llum ma kellu x'jaqsam xejn aktar man-negozju li kien imexxi u kien jircievi biss minghand uliedu s-somma miftehma maghhom;

3. Il-kwistjoni ta' kontroll ma kellha x'taqsam xejn mal-forma utilizzata mill-appellant biex ittrasferixxa n-negozju lit-tfal. Dak il-kontroll kellu jirrizulta minn indagni li kellu jibqa' jaghmel id-Direttur wara li tinhareg il-pensjoni biex jaccerta ruhu li ma kien hemm xejn simulat da parti ta' l-applikant biex jeludi l-obbligu tieghu taht il-ligi. Ma jidhirx li d-Direttur kien qieghed b'xi mod jikkontesta l-veracita' ta' dak li ssottometta l-appellant;

4. Ma kellhomx jirrizultaw cirkostanzi allura li kellhom jikkonducu lid-Direttur appellat jew lill-Arbitru li jichdu t-talba ta' l-appellant biex jinghata l-Pensjoni ta' l-Irtir.

Jinghad qabel xejn li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni da parti tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, maghmula mill-appellant quddiem l-

Arbitru ma giet bl-ebda mod sostanzjata. L-appellant infatti jallega diskriminazzjoni kontrih ghaliex, skond hu, haddiehor fl-istess posizzjoni tieghu kien qed jiehu l-pensjoni minghajr ebda inkwiet. Naturalment dan bl-inferenza li kienet qed tinghatalu minghajr ma ntalab li jaghti prova cara u univoka illi hu kien definittivament irrinunzja ghal kull involviment fin-negozju li kien jappartjeni lilu u li kien ghaddieh f'idejn uliedu. Allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li timporta wkoll illi, skond l-appellant, id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ma esegiex minghand dan l-applikant l-iehor prova bil-miktub tat-trasferiment tal-gestjoni tan-negozju lill-ulied, imma kien qaghad biss fuq dikjarazzjoni verbali ta' l-applikant.

Skartata l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, il-kaz jirrizolvi ruhu unikament fuq apprezzament ta' provi da parti tad-Direttur fl-ewwel lok, u ta' l-Arbitru in sede appell. L-artikolu 66 tal-Kap 318 riportat fid-decizjoni appellata jimponi bhala kondizzjoni ghall-ghoti ta' pensjoni taht dak l-Att fuq il-persuna li jkollha l-eta ta' 60 sena u li tkun cittadin ta' Malta normalment tirrisjedi f'Malta, il-prova sodisfacenti li l-mezzi taghha fil-gimgha ma jkunux izjed minn dawk stabbiliti fis-subinciz b (2) ta' l-istess artiklu. L-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-applikant. Il-prova kellha tkun tali li tissodisfa lid-Direttur li naturalment kellu wkoll ikun ragonevoli fl-apprezzament tieghu tal-provi prodotti, pero' certament kellu kull dritt li jesigi prova adegwata, serja u attendibbli.

Din il-Qorti ma tara xejn irragonevoli u wisq anqas, kif jissottometti l-appellant, umiljanti, fid-domanda tad-Direttur illi dak li l-appellant jafferma li sehh bhala fatt bejnu u bejn uliedu fir-rigward tat-tmexxija tan-negozju tieghu, jigi formalizzat permezz ta' kitba li tpoggi l-jeddijiet u l-obbligi reciproci tal-missier u ta' l-ulied fir-rigward ta' l-amministazzjoni tan-negozju lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Altrimenti la d-Direttur u lanqas l-Arbitru ma setghu jkunu f'posizzjoni li jaslu ghall-konvinzjoni li l-ftehim li fuqu jistrieh l-appellant kien wiehed serju u vinkolanti fuq il-kontraenti u ma kienx semplicement rabta coff maghmula unikament ghall-okkazzjoni biex tigi aggirata d-disposizzjoni tal-ligi u assikurata pensjoni lill-applikant li altrimenti ma kienx jikkwalifika ghaliha.

Id-Direttur, fl-applikazzjoni tal-Ligi, kellu responsabilita' kbira illi josserva ad unguem dawk ir-regoli li jassiguraw f'liema cirkostanzi setghet tithallas jew ma tithallasx pensjoni lill-kontribwent. Sakemm id-Direttur japplika l-ligi b'mod ekwu, ragonevoli u uniformi, fil-parametri fuqu imposti bil-ligi ma kienx lecitu li l-Arbitru u lanqas din il-Qorti tissindika l-grad ta' prova li kienet mehtiega biex tissodisfa lid-Direttur li tali prova kienet lahqet il-grad rikjest mil-Ligi.

L-appell ma setghax ghalhekk jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi  l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm